# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 568/00 GCD**

**Mario u Pauline konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Ivan u Simone Bartoli**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri a favur ta' l-atturi fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti fi hlas lura ta' self brevi manu;

Illi l-konvenuti hargu zewg cheques datati 24 ta' Lulju 1999 u 3 ta' Awissu 1999 (Dok. "A" u "B") indirizzati lill-atturi fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), liema cheques ma ssarrfux;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu huma baqghu inadempjenti;

Illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet ta' l-atturi kif jirrizulta mill-affidavit anness mac-citazzjoni u markat Dok. "C" ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tass-smigh tal-provi tai termini ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara lill-konvenuti veri, certi u likwidi debituri a favur ta' l-atturi6 fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), oltre l-imghax legali;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru numru 4793/99 u bl-imghax mid-data tal-24 ta' Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Mario Azzopardi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

Cm